MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2000/2002

**Raymond Schembri**

**Vs**

**Citadel Insurance Plc**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm362.25c (tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni f'incident stradali li sar fid-19 ta' Dicembru, 2001 fejn il-vettura EAK 162 kienet misjuqa minn mart l-attur u ghal liema tiswijiet hija obbligata li thallas is-socjeta' konvenuta billi l-vettura msemmija hija koperta b'polza ta' assigurazzjoni *fully comprehensive*.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn tghid:

- Li t-talbiet attrici ghandhom jigu nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez billi l-attur naqas

li jinforma lis-socjeta' konvenuta bl-incident fiz-zmien stabbilit.

- Li l-attur naqas l-obbligu tieghu skond il-polza ta' assigurazzjoni li jaghti l-opportunita' lis-socjeta' konvenuta tezamina l-vettura in kwistjoni u tivverifika l-allegati danni u qabad u sewwa l-karozza allegatament involuta f'dana l-incident, u

- Li l-allegati danni huma esagerati.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta datata 29 ta' Jannar, 2003 li fiha xehed Raymond Schembri fejn ikkonferma li kien lest ihallas lil tal-Pajero. Jghid ukoll li dak il-hin ghal Lm160.00c (mija u sittin lira Maltin) m'ghamilx *claim*, imbaghad wara xi xahar fetah *claim* ghaliex kienu cemplulu minghand is-socjeta' konvenuta. L-attur ikkonferma li hallas is-somma ta' Lm50.00c (hamsin lira Maltin) lis-Citadel Insurance u qatt ma rcievihom lura. L-attur jispjega li meta gie s-surveyor tas-Citadel ix-xoghol ta' tiswija fuq il-vettura tieghu kien diga sar ghalhekk is-survey gie bbazat fuq ircevuti u spjegazzjoni li kien tah hu stess. Ighid ukoll li s-socjeta' konvenuta qatt ma tatu raguni ghalfejn ma riedetx thallsu u l-attur stess ma hallasx lil tal-Pajero. Ikkonferma li t-tellar tellalu biss id-daqqa u kien hu li ghamel ix-xoghol tas-spray.

Ra x-xhieda ta' Natalino Agius, prodott mill-attur, fejn ikkonferma li jahdem bhala surveyor ghas-Citadel u fiz-zmien tal-Milied l-attur kien mar ikellmu fejn qallu li xtaq jara kemm kellha hsara l-vettura ma ta' min kien habat sabiex jekk l-ammont huwa ta' cifra zghira l-attur kien lest li ma jaghmilx *claim* ghalhekk ihallas hu stess il-hsara tat-*third party* kif ukoll tal-vettura tieghu. Jghid ukoll li s-sid tal-Pajero kien gie ghandu bi stima ta' Fsadni Garage li kienet tammonta qrib Lm300.00c (tlett mitt lira Maltin) izda Natalino Agius ma qabilx maghha. Ghalhekk Agius talab breakdown ta' kif kien wasal ghal dan l-ammont. Agius ighid ukoll li ghamel l-istima tal-vettura tal-Pajero fejn ammontaw xi Lm190.00c (mija u disghin lira Maltin) u

kienu ftiehmu li tal-Pajero kien ser jerga' jkellem lil tal-garage izda qatt ma rega' sema' minghandu. Natalino Agius ighid li qatt ma gie mistoqsi fuq il-vann ta' l-attur u biex jaghti stima tal-hsara fl-istess vann. Ikkonferma li tal-Pajero ma kellux hsara fuq il-bumper la fuq quddiem u lanqas fuq wara.

Ra s-seduta datata 16 t'Ottubru, 2004 fejn xehed Nazzareno Attard, prodott mill-attur, li kkonferma li l-vettura EAK 162 baqghet diehla fil-vettura tal-mara tieghu li kienet Pajero SLV 028. Ighid ukoll li wara l-habta hu baqa' sejjer l-ghassa minhabba li l-vann baqa' sejjer. Wara li ttracjaw dan il-vann nizel Raymond Schembri l-ghassa u spjegalhom ghaliex il-mara tieghu baqghet sejra. Jghid ukoll li wara gimgha ltaqa' ma' Raymond Schembri u marru ghand l-agent tas-Citadel u ghamel appuntament mas-surveyor tas-Citadel. Ighid li kien miftiehem ma' Raymond Schembri biex imorru ghand it-tellar Fsadni Garage izda Schembri baqa' ma giex u qatt ma rega' rah lil Schembri.

Ra x-xhieda ta' Michael Casha, prodott mill-attur, fejn ikkonferma l-ircevuti li hareg hu u x-xoghol li ghamel fuq il-karozza ta' l-attur. Ighid li hu ghamel ix-xoghol tal-panel beating biss u mexa' minn fuq is-survey li kien sar mis-socjeta' konvenuta. Ikkonferma wkoll li l-ispray ghamlu l-attur.

Ra s-seduta mizmuma fid-29 ta' Jannar, 2004 fejn xehed is-surveyor ta' Citadel Insurance Charles Cauchi fejn ikkonferma li l-vann kien diga msewwi meta mar fuq il-post. L-attur kien urih ir-ritratti tal-hsarat tal-vann li kienu fuq in-naha tax-xellug quddiem u ghalhekk hareg rapport minhabba li gie notat li z-zebgha kienet ghada friska.

Ra x-xhieda ta' Rita Schembri, mart l-attur, fejn ikkonfermat li qal l-attur.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, l-attur ghamel *claim* in konnessjoni ma' din il-habta w anke hallas Lm50.00c (hamsin lira Maltin) *excess* liema ammont ta' Lm50.00c (hamsin lira Maltin) qatt ma gie

ritornat lilu mis-socjeta' konvenuta. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma tistax f'dan l-istadju ma taccettax il-*claim* ta' l-attur.

Dwar it-tieni eccezzjoni fil-fatt sar survey mis-socjeta' konvenuta fit-12 ta' Frar, 2002 u l-attur esebixxa l-ircevuti li huma datati wara din id-data.

Illi skond is-survey Dok. CC a fol 69 tal-process id-danni fil-karozza in kwistjoni jammontaw ghal Lm190.00c (mija u disghin lira Maltin) spare parts u Lm155.00c (mija u hamsa u hamsin lira Maltin) panel beating u spray paint li jaghmlu total ta' Lm345.00c (tlett mija u hamsa w erbghin lira Maltin).

Illi dan it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita mis-survey li sar mis-surveyor tas-socjeta' konvenuta.

Skond l-attur id-danni sofferti minnu huma ta' Lm362.25c (tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu). Gew esebiti l-ircevuti ta' l-attur u jidhru gustifikati.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas l-attur l-ammont ta' Lm362.25c (tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz cjoe' 6 ta' Settembru, 2002. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------